MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**Laqgħa b'urġenza Numru 64**

**It-Tnejn, 8 ta' Jannar 2024**

Saret il-laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tnejn, 8 ta' Jannar 2024, fis-5.50 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier

**Skużat:** Is-Sur Jonathan Cefai - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI
Josianne Cassar – Aġent Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

**Minuti;**

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

**64.1 Talba;**

64.1.1 Il-laqgħa bdiet fis-5.50 ta' filgħaxija. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**64.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

64.2.1 Il-Kunsillier Jonathan Cefai kien skużat.

**64.3 Aġġornament dwar l-impjiegi tal-ħaddiema tal-Kunsill;**

64.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi sejjaħ din il-laqgħa b'urġenza sabiex tiġi approvata l-ħatra ta' *General Hand*;

67.3.2 L-*interviews* għal post ta' *General Hand* saru l-Erbgħa, 3 ta' Jannar 2024, quddiem il-bord ta' l-*interviews* magħmul minn George Refalo bħala *chairman*, Sindku Saviour Borg u l-Kunsillier Carmel Farrugia bħala membri tal-bord u Josianne Cassar bħala Segretarja;

67.3.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-kandidati ġew kif inhu ġej fl-ordni tal-mertu:

1. Peter Paul Bajada;
2. Joseph Azzopardi.

67.3.4 Il-membri preżenti unanimament approvaw ir-rapport tal-bord u l-ħatra ta' Peter Paul Bajada bħala *General Hand*.

64.3.5 Il-Kunsill qabel ukoll illi jaħtar bord għal post ta' skrivan u li jkun magħmul mill-istess membri tas-sejħa tal-*General Hand*, dan wara li s-Sindku staqsa lill-Kunsillier Horace Micallef iridx joqgħod membru tal-Bord iżda m'aċċettax. Is-Sindku u l-Kunsillier Carmel Farrugia ser iservu f'dan il-Bord bħal bordijiet kollha li servew fihom mingħajr ħlas.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

**64.4 Tmiem il-laqgħa.**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-6.00pm.

Konfermati, llum it-Tnejn, 18 ta' Marzu 2024.

**IFFIRMATA**
Saviour Borg
Sindku

**IFFIRMATA**
Josianne Cassar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA